TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Joseph Borg

vs

Call Zone

CCT43/20/MS

18 ta' Novembru 2020

It-Tribunal,

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-12 ta' Marzu 2020 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €110.00 prezz ta' zewg mobile phones mixtrija mill-azjenda intimata, liema mobile phones ma kienux jahdmu u ghalhekk ma kienux tajbin ghall-uzu taghhom.

Ra li l-azjenda intimata, debitatment notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahlitx risposta u hadd mill-azjenda deher quddien dan it-Tribunal biex jaghti x-xhieda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Borg bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrent xtara zewg mobile phones. Ghalkemm mhuwiex car meta dawn inxtraw, mill-provi prodott jidher illi wiehed inxtara fit-13 ta' Novembru 2019 u l-iehor inxtara fis-6 ta' Dicembru 2019. F'Jannar 2020, dawn ma baqghux jahdmu, tant li meta r-rikorrent kien icempel ma setax jisma l-persuna fuq in-naha l-ohra. Kien hadhom ghat-tiswija xi erba' darbiet u kull darba jaghmlu jumejn jahdmu umbaghad jergghu bil-hsara. Ir-rikorrent ipprezenta ircevuta mahruga fil-15 ta' Jannar 2020 fejn jidher illi dawn iz-zewg mobile phones thallew ghat-tiswija.

Illi l-azjenda intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahlitx risposta u lanqas ma deheret quddiem dan it-Tribunal.Ghalhekk, it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta ix-xhieda tar-rikorrent.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi, u wara li ra l-artikolu 12.01 tal-L.S 378.01, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lill-azjenda intimata tirrifondilu s-somma ta' €110.00. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata. It-Tribunal qed jawtorizza lill-azjenda tiehu lura dawn il-mobile phones darba li jsir id-debitu hlas.

Michela Spiteri Av.
Arbitru